MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 75

9 ta' Ottubru 2012

Minuti tas-Seduta Nru. 75 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.1.3. **(Ref: A/4/5/Vol II)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif jidher hawn taħt:

*"2.1.3. Il-Viċi Sindku spjega li dan l-avveniment jirrikjedi l-għeluq ta' Triq Selmun min-naħa tar-roundabout ta' Triq il-Kbira. Huwa qal li ser isiru arranġamenti wkoll biex il-vetturi tal-parteċipanti, kif ukoll dawk li jeħtiġilhom jidħlu Selmun ikunu jistgħu jipparkjaw fejn l-interchange tal-karozzi tal-linja, minn fejn ikunu jistgħu jimxu jew jużaw ir-rotta 102. Għaldaqstant ikun meħtieġ servizz ta' Pulizija jew Gwardjan Lokali biex jikkontrolla t-traffiku bejn id-9.00am u l-4.00pm. Is-Sur E. Bartolo qal ukoll li huwa talab lir-rettur inkarigat mill-kappella ta' Selmun sabiex javża waqt il-Quddies dwar dan l-arranġament għall-benefiċċju tar-residenti u dawk li jattendu għall-Quddies.".*

1.2. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għall-minuta 12.6 **(Ref: P/10/12)** tas-seduta preċedenti u talab li tiġi emendata kif ġej:

*"12.6. Is-Sindku ressaq ukoll stima tal-ispejjeż involuti li tammonta €15,333. Is-Sur R. Cutajar spjega li l-Unjoni Ewropea ser tikkontribwixxi €7,680, filwaqt li ser issir talba taħt l-Iskema tal-Kofinanzjament li tammonta għal €8,082. Sabiex il-konferenza tal-Mellieħa tikkwalifika għall-finanzjament, jeħtieġ li tkun tinvolvi minimu ta' 100 delegat Malti.".*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 74, bl-inkużjoni tal-emendi mitluba aktar 'il fuq, kif wkoll li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. *Car Free Day* (A/4/5/Vol II)

2.1.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-attivitajiet marbuta mal-*Car Free Day* saru kif kien ippjanat, għalkemm kienu mxekkla bil-previżjonijiet li kienet ser tagħmel ix-xita. Dan il-fattur jidher illi skoraġġew xi tfal u żgħażagħ milli jattendu. Għalkemm Triq is-Selmun ingħalqet bejn id-9.00am u s-1.30pm, l-attivita` ġiet trasferita għall-*open air gym* fil-Park tal-Familja, fejn kien hemm żfin u kant. Fejn il-kappella ta' Selmun kien hemm logħob tal-futbol mit-tfal li jattendu l-Mellieħa

Football Nursery. Is-Sur E. Bartolo kompla jgħid li l-*pony rides* ġew ikkanċellati minħabba nuqqas ta' konkorrenza mit-tfal.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Sitwazzjoni tat-traffiku fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li s-sitwazzjoni tat-traffiku fil-qalba tal-Mellieħa kompliet tjiebet wara li naqset il-pressjoni li kien hemm matul ix-xhur tas-Sajf, kif ukoll minħabba li nfetħet parti oħra ta' Dawret il-Mellieħa.

2.2.3. Is-Sur R. Cutajar irrefera wkoll għal rapport li kien hemm dwar twittija ta' terrapien ġej mix-xogħlijiet li għaddejjin fuq Dawret il-Mellieħa. Huwa rrefera wkoll għall-artiklu ta' Charmaine Craus bit-titlu *"Is-Sindku ma jafx min tefgħu - Rimi ta' terrapien fuq xagħri fil-Mellieħa"* li deher fil-ġurnal L-Orizzont. Huwa qal illi ġie kkwotat li ma kienx jaf min witta dan it-terrapien. Kompla jgħid li dan il-kumment kien barra minn loku peress li ma kienx konxju ta' ebda abbuż riċenti f'dan is-sens, għalkemm kellu rapport bit-telefon li minnufih għaddieh lill-Transport Malta, lill-MEPA u lill-kuntattur konċernat biex jinvestigaw.

### 2.3.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.3.2. Is-Sindku rrefer għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u rrefera għal petizzjoni *on-line* li qed tiġi ċċirkolata, dwar il-qerda ta' siġar f'numru ta' lokalitajiet, fosthom fil-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li din l-allegazzjoni mhux minnha fir-rigward tal-Mellieħa, peress li s-siġar tal-ficus li tneħħew minn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II ġew imħawwla mill-ġdid fi Triq Napuljun Caruana Dingli, filwaqt li minflokom tħawwlu siġar indiġini, illi l-għeruq tagħhom ma jagħmlux ħsara lill-paviment. Minbarra dan, il-Kunsill ħawwel 'il fuq minn 700 siġra fil-Park tal-Familja u kien strumentali biex tħawwlu oħrajn f'diversi postijiet minn entitajiet oħra. Huwa qal li dan il-fatt importani li joħroġ għall-pubbliku permezz ta' stqarrija.

2.3.3. Is-Sur R. Cutajar qal li għaddejjin xogħlijiet fuq il-bini fejn hemm l-Għassa tal-Pulizija sabiex jerġa' jinfetaħ it-*tourist information office.*

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li qabel mal-posizzjoni tas-Sindku skont il-minuta 2.3.2 aktar 'il fuq.

### 2.4.1. Parkeġġ riżervat ghal persuna b'diżabilita` fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (P/8/2/Vol III)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-familja Cilia esprimiet l-apprezzament tagħha għall-appoġġ mogħti mill-Kunsill kollu sabiex tkompli tibbenefika mill-parkeġġ riżervat fit-triq imsemmija.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Tindif fil-Fortizza tas-Salib (T/11)(P/4/4/Vol IV)

2.5.2. Saret referenza għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti sabiex il-Kunsill ġie mgħarraf li tnaddaf il-post fejn kien hemm merfugħa x-xibka tat-tunnara li ddeterjorat. Dan sar bħala parti minn eżerċizzju li għaddej mill-Mellieħa Scout Goup u r-*Radio Amateurs*, bil-għan li dan il-post jiġi rijabilitat. Is-Sindku qal li qed tiġi mistħarrġa l-possibilta` li l-fortizza tiġi wtilizzata bħala *child care centre* permezz ta' fondi pprovduti mill-Unjoni Ewropea.

2.5.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg kkummenta li huwa jaqbel illi jkun hawn *child care centre* fil-Mellieħa, pero` kien xettiku mal-għażla tal-post, peress li huwa storiku u għalhekk diffiċli jintuża għal dan il-għan mingħajr ma jsiru ċertu nterventi fuqu.

2.5.4. Il-Kunsill qabel li għandha xorta tiġi esplorata l-possibilta` li jinkisbu fondi għal dan il-għan.

### 2.6.1. Stedina għaċ-ċelebrazzjoni tal-*Via Sacra* f'Adenau (K/1/5/Vol V)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ngħatat tweġiba pożittiva, fis-sens li l-Kunsill tal-Mellieħa ser ikun preżenti għall-attivitajiet li ser iseħħu Adenau bejn id-19 u l-21 ta' April 2013, għalkemm din ser tkun tinvolvi s-Seba' Kunsill

Lokali. Fl-istess ittra wkoll tħalliet mitfuħa l-possibilta` li grupp ta' persuni mill-Mellieħa jżuru Adenau f'Diċembru 2012.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Servizz tal-Gwardjani Lokali (W/3/Vol XI)

2.7.2. Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 9.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li qed ikun hemm preżenza ta' pulizija sabiex jsegwi t-traffiku waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal tal-Iskola Primarja. Is-Sur E. Bartolo kompla jgħid li dan jagħti lok illi l-iskeda li tingħata lill-Uffiċċjal Awtorizzat minn xahar għal xahar tkun iktar flessibbli.

2.7.3. Is-Segretarju tenna li attwalment huwa ma jafx f'liema ħinijiet qed jingħata s-servizz mill-Gwardjani Lokali, minkejja li qed titħejja skeda minnu minn xahar għal xahar. Huwa lmenta wkoll li l-Gwardjani ngħataw struzzjonijiet biex ma jersqux lejn l-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sur C. Debono nsista li dan mhux aċċettabbli għar-raġuni li l-Kunsill għandu dritt li jkollu skeda tal-ħinijiet, kif ukoll kuntatt mal-Gwardjan li jkun xogħol. Kompla jgħid li dan huwa ndispensabbli biex jiġu ndirizzati ċerti lmenti li jsiru mir-residenti f'dak li jirrigwarda nfurzar tal-ligi.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li s-sitwazzjoni spjegata fil-minuta 2.7.3. għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Kumitat Reġjonali.

### 2.8.1. Proġett dwar ir-restawr ta' girna u ħitan tas-sejjieħ qrib Triq ir-Raded fil-Manikata (P/4/26)

2.8.2. Is-Sindku għarraf li ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti, liema sejħa ser tagħlaq fil-31 ta' Ottubru 2012.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.9.1. Proġett Terra Mirabilis flimkien mal-Comune di Casalborgone (P/10/12)

2.9.2. Is-Sindku rrefera għall-konferenza msemmija li żvolġiet fil-Pergola Club Hotel bejn is-6 u t-8 ta' Ottubru 2012 suċċess. Xhieda ta' dan kienet il-preżenza ta' 59 delegat barranin li pparteċipaw fil-konferenza. Dan ikkontribwixxa wkoll biex żdiedet l-okkupazzjoni fil-lukandi tal-Mellieħa, billi d-delegati kienu alloġġjati fil-lukandi Panorama, Solana, Maritim, Luna u Pergola.

2.9.3. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li l-*papers* imressqa kienu nteressanti ħafna, partikularment mill-kelliema Maltin, bħal Dr Godwin Sant, l-Ing. Bernard Mallia, Darren Stevens u Sammy Vella. Hu qal li l-ideja dwar l-ġenerazzjoni tal-elettriku permezz tat-tajr, deskritta mill-kelliem Taljan Paolo Sassone, kienet forsi l-iktar waħda li qajjmet interess. Dr Godwin Sant, li huwa konsulent mal-Ministeru għall-Ambjent u l-Affarijiet Rurali, wera li ser jikseb aktar tagħrif dwarha billi ma jidħirx li tirrikjedi li nvestiment kbir.

2.9.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Ministru George Pullicino ma setax jattendi u għalhekk iddelega lill-Assistent Parlamentari l-Onor. Philip Mifsud biex jindirizza lill-konferenza. Il-Kunsillieri kollha attendew sessjonijiet differenti tal-konferenza.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 03/10/12;
- Skeda ta' Pagamenti – 05/0912 – 02/10/12;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 18/08/12 – 17/09/12
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 04/12/12

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. PA 5919/09 – Talba sabiex tinbena lukanda fi Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq San Publiju (P/5/8/G)

4.1.2. Saret referenza għall-applikazzjoni PA 5919/09 sabiex tinbena lukanda ta' tliet stilel f'Nru. 139, Triq Ġorġ Borg Olivier. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-ipproċessar ta' din it-talba kien ġie sospiż, iżda riċenti reġgħet ġiet attivata mill-applikant.

4.1.3. Is-Segretarju fakkar li diġa saru rappreżentazzjonijiet dwar il-linja tal-bini fi Triq San Publiju, kif ukoll l-effett li jista' joħoloq l-għoli fuq in-naħa ta' Triq il-Kappillan Magri, skont deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta 41 tat-23 ta' Awwissu 2010. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li fit-2 ta' Settembru 2012 inġibdet l-attenzjoni tal-MEPA dwar ix-Xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija li jinsab qrib ħafna tas-sit in kwistjoni.

4.1.4. Is-Sindku R. Cutajar ikkummenta li diġa jeżisti preċedent f'dak li huwa għoli tal-bini fir-rigward tal-lukanda Maritim (l-ex-Salita Hotel), filwaqt f'dik li hija linja tat-triq hemm proposta sabiex tinżamm il-linja eżistenti fi Triq Ġorġ Borg Olivier, faċċata ta' Triq il-Qalb Imqaddsa.

4.1.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jsir rapport mill-*Contracts Manager* u sussegwetement issir laqgħa mal-iżviluppatur, qabel isiru aktar rappreżentazzjonijiet mal-MEPA.

### 4.2.1. PA 4906/10 – Proġett ta' Ħal Ferħ f'Għajn Tuffieħa (P/5/1/Vol III)

4.2.2. Saret referenza għall-applikazzjoni li saret lill-MEPA sabiex jitwaqqa' il-Kumpless Ħal Ferħ ħalli minfloku jinbena kumpless ieħor ġdid li jinkludi parkeġġ fuq tliet livelli u tibdil fit-toroq eżistenti. It-talba nbidlet minn *Outline* għal *Full Development Application*.

4.2.3. Il-Kunsill osserva li diġa saru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA dwar din l-applikazzjoni.

### 4.3.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq Franġisk Zahra u parkeġġ limitat bil-ħin (T/3/2/Vol X)

4.3.2. Saret referenza għal talba datata 27 ta' Settembru 2012, mressqa lil Transport Malta sabiex jiġu allokati il-faċilitajiet imsemmija fi Triq Franġisk Zahra kantuniera ma' Triq il-Kbira. L-istess awtorita` qed tirrakkomanda din it-talba fuq premessa li jeżistu numru ta' negozji fil-qrib li jistgħu jibbenefikaw minnha.

4.3.3. Il-Kunsill osserva li faċilitajiet ta' parkeġġ għall-ħatt u tagħbija diġa jeżistu ftit metri bogħod fi Triq il-Kbira ftit 'l isfel mill-kantuniera ma' Triq Franġisk Zahra. Kien hemm qbil li żieda fil-faċilitajiet mitluba ser tkompli tnaqqas l-ispazju għall-vetturi tal-klijenti li jiffrekwentaw in-negozji tal-madwar u għalhekk kien kontra li jingħataw aktar faċilitajiet għall-vetturi kummerċjali.

4.3.4. Ġie osservat ukoll li qed ikun hemm *box van* kbir ipparkjat persistentement kontra d-direzzjoni tal-*one-way* fi Triq Dun Franġisk Sciberras.

4.3.5. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni illi qed ikun ħafna diffiċli biex wieħed jipparkja fi Triq Santa Marija, liema sitwazzjoni qed tiżdied kull meta jsir ipparkjar bl-addoċċ li jikkawża ħela ta' spażju. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru *parking bays* sabiex jirregolaw l-ipparkjar fi Triq Franġisk Zahra u fi Triq Santa Marija.

### 4.4.1. *Dredging* qrib il-Moll Nru. 3 fiċ-Ċirkewwa (P/5/8/C)

4.4.2. Is-Segretarju rrefera għal laqgħa ta' konsultazzjoni li saret fis-Sala tal-Komunita` fit-3 ta' Ottubru 2012 dwar (*Tracking No.* 144972) dwar talba mressqa minn Transport Malta sabiex isir *dredging* biswit il-Moll Nru. 3 fit-Terminal tac-Cirkewwa.

4.4.3 Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux ikun hemm oġġezzjoni, billi jidher li ż-żona affettwata bil-proposta ma hijiex ikbar minn dik li fiha kien sar *dredging* simili xi snin ilu u għalhekk din ser taffettwa biss il-fond tal-baħar.

### 4.5.1. Assenjar ta' ħaddiema mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u t-Taħriġ (E/3/6)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 27 ta' Settembru 2012, mibgħut mill-korporazzjoni msemmija fejn sar magħruf li ġew assenjati ħames persuni taħt il-*Community Work Scheme*, li huma:

- Sebastian Debono (207859M ) - *Store keeper/supervisor/customer care*
- Anthony Farrugia (281854M) - *Handyman*
- John Micallef (413263M) – Uffiċjal tas-Sigurta`
- Raymond Dalli (81255M) - *Labourer*
- Charmaine Genovese (251375M) - *Customer care/ Messenger*

4.5.3. Is-Sindku qal li Anthony Farrugia ġie mqabbad jagħmel xogħol ta' *watchman* fil-Park tal-Familja, filwaqt li John Micallef 413263M ġie assenjat jirrapporta nuqqasijiet li josserva fit-toroq tal-Mellieħa u jgħaddihom lis-Segretarjat sabiex tittieħed azzjoni dwarhom. Il-persuni l-oħra kienu għadhom ma rrappurtawx għax-xogħol sad-data tas-seduta.

4.5.4. Il-Kunsill innota u approva l-istruzzjonijiet mogħtija.

### 4.6.1. Privatizzazzjoni ta' parkeġġi pubbliċi (T/3/5)

4.6.2. Saret referenza għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sindku tar-Rabat (Malta) is-Sur Sandro Craus dwar nuqqas ta' konsultazzjoni minn Transport Malta dwar l-intenzjoni tagħha li tgħaddi parkeġġi pubbliċi fil-lokalitajiet lill-privat. Fl-istess *e-mail* tħabbar li kienet ser issir laqgħa fit-3 ta' Ottubru 2012, biex tiġi addottata posizzjoni komuni mill-Kunsilli affettwati.

4.6.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-*minority leaders* fil-Kunsill Lokali kienu fost dawk li ġew mistiedna jattendu din il-laqgħa. Huwa qal li ma setax jattendi.

4.6.4. Is-Sindku qal li huwa dehrlu li ma kellux jattendi fid-dawl ta' stqarrija li ħareġ il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni – l-Onor. Austin Gatt – fejn tħabbar li l-Gvern kien irtira s-sejħa għall-offerti li saret minn Transport Malta.

4.6.5. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ppropona li għandha tingħata tweġiba skont il-minuta 4.6.4. aktar 'il fuq.

4.6.6. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 3 ta' Ottubru 2012

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn il-5 ta' Settembru u t-2 ta' Ottubru 2012.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

### 7.1. Sejħa għall-Offerti Nru 14/2012 – Servizz ta' *Contract Management* relatat ma' *Road Resurfacing* (K/6/5/3/Vol II)

7.2. Saret referenza għall-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tad-9 ta' Lulju u tal-4 ta' Ottubru 2012. Mill-istess minuti joħroġ li l-Bord kien inklinat li jirrakkomanda li l-kuntratt jingħata lill-Perit Daniel Cordina fuq il-kriterji segwenti:

(a) Ir-rata kkwotata;

(b) Il-kjarifika mogħtija, fis-sens li ma jintalabx ħlas addizzjonali fil-każ li proġett partikulari jkun jirrikjedi 'l fuq minn 260 siegħa biex jiġi segwit; u

(c) L-esperjenza li huwa kiseb ma' Transport Malta, fejn ħadem għal numru ta' snin fuq proġetti li jinvolvu kostruzzjoni ta' toroq.

7.3. Is-Segretarju kkonferma li permezz ta' *e-mail* datat 25 ta' Mejju 2012, huwa kien għarraf lill-offerenti kollha sabiex jissottomettu garanzija bankarja ta' €500 mal-offerta tagħhom. Kopja tal-istess *e-mail* tressqet waqt is-seduta.

7.4. Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Perit Daniel Cordina.

### 8.1. *Refurbishment* fl-estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali (K/1/2/Vol V)

8.2. Wara li l-Kunsill ra l-pjanti sottomessi mill-Perit Joseph Attard, u kien hemm qbil dwar kif għandha tqassim tad-diversi kmamarkif ukoll il-multi purpose room fejn fost attivitajiet oħra ser tintuża għall-korsijiet u fejn jistgħu jsiru laqgħat għal pubbliku. Il-Kunsill ra ukoll

il-*bill of quantities* flimkien mal-istima relattiva ta' €107,192, u kien hemm qbil li għandha ssir is-sejħa għall-offerti wara li:

(a) Id-dokument tal-offerta jiġi approvat mill-*Green Public Procurement Office* tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru; u

(b) Issir laqgħa mal-Perit Attard sabiex jiġu spjegati d-dettalji fil-*bill of quantities*.

8.3. Il-Kunsill osserva li sa Diċembru 2012 hemm ivvutata s-somma ta' €58,000 għal dan il-għan, li x'aktar ma tintefaqx matul is-sena kurrenti u għalhekk ikun jeħtieġ li tiġi vvutata s-somma sħiħa meħtieġa fl-estimi 2013.

## 9.1. Ftehim dwar it-tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/A)

9.2. Il-Kunsill ra t-test tal-ftehim li ġie mgħoddi lura mill-Fondazzjoni ARKEO u wara diskussjoni, kien hemm qbil illi l-klawsoli li jidhru hawn taħt għandhom jiġu emendati hekk:

| Klawsola | Test Oriġinali | Test approvat mill-Kunsill |
|---|---|---|
| 8. | ***Levying of Fees***<br>*The Manager shall charge visitors to the interpretation centre the entrance fees listed in the Schedule of Fees to this agreement marked "Doc. F";*<br>*Provided that the Council may vary such fees following a recommendation of the Supervisory Committee;*<br>*Provided further that the Manager shall organize an annual open day of the sites whereby the general public will be exempted from paying the entrance fee.* | ***Levying of Fees***<br>*The Manager shall charge visitors to the interpretation centre the entrance fees listed in the Schedule of Fees to this agreement marked "Doc. F",* ***which fees shall be deemed to be the maximum;***<br>*Provided that the Council may vary such fees following a recommendation of the Supervisory Committee;*<br>*Provided further that the Manager shall organize an annual open day of the sites whereby the general public will be exempted from paying the entrance fee.* |
| 14 | ***Insurances***<br>*The Manager shall obtain and maintain current at its own expense and throughout the term of this agreement a comprehensive policy or policies against public liability and against any damages suffered by third parties in relation to all activities carried on the sites. The Manager shall present a copy of such insurance or insurances to the satisfaction of the Council within one week from when clause 4 of this agreement is applicable. The Manager undertakes to indemnify and hold the Council harmless in the event of a claim being brought against the Council by any third party in connection with the property.* | ***Insurances***<br>*The Manager shall obtain and maintain current at its own expense and throughout the term of this agreement a comprehensive policy or policies against public liability and against any damages suffered by third parties in relation to all activities carried on all the sites* ***within the heritage trail****. The Manager shall present a copy of such insurance or insurances to the satisfaction of the Council within one week from when clause 4 of this agreement is applicable. The Manager undertakes to indemnify and hold the Council harmless in the event of a claim being brought against the Council by any third party in connection with the property.* |
| 20(a)(vi) | Sub-Klawsola ġdida bin-numru (vi) taħt it-titlu – Terminazzjoni. | *If the Manager fails to produce the insurance policies as per Clause 14.* |

## 10.1. Vandaliżmu fi Ġnien il-Pellegrini (K/6/3/Vol III)

10.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni għall-vandaliżmu u l-istat ħażin li jinsab fih dan il-post.

10.3. Kien hemm qbil li l-*Contracts Manager* għandu jintalab jagħmel rapport dwar l-istat tal-post, kif ukoll l-azzjoni li trid tittieħed.

**11.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2012 (A/5/3/6/Vol III)**

11.2. Is-Sindku għarraf li fil-25 ta' Ottubru 2012 ser issir laqgħa għall-għaqdiet tal-Mellieħa li jixtiequ jieħdu sehem fl-attivita` imsemmija, li din id-darba huwa ppropona li tiżvolgi bejn il-21 u l-24 ta' Diċembru 2012.

11.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa fil-minuta 11.2.

11.4. Is-Segretarju għarraf li saru sejħiet sabiex tintrama' it-tinda f'Misraħ il-Parroċċa, kif ukoll jinkera l-apparat tal-audio. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll li sad-data tas-seduta, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien għadu ma ħariġx is-sejħa sabiex jiġu ffinanzjat attivitajiet kulturali.

**12.1. Korsijiet dwar Liċenzji Nawtiċi u fil-Malti għall-Barranin (E/3/1/Vol III)(E/3/1/5/Vol III)**

12.2. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-kors li jmiss dwar il-Liċenzji Nawtiċi, kif ukoll dak tal-Malti għall-barranin għandhom jsiru fl-Iskola Primarja, peress li l-estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv għadha mhux fl-istat li tilqa' studenti fiha qabel isir ir-*refurbishment* meħtieġ.

12.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li saret laqgħa għall-istudenti tal-Malti fejn ġie stabbilit li għandhom jsiru żewġ klassijiet ta' tmintax-il student-il wieħed. Dawn ser ikunu nhar ta' Tnejn u t-Tlieta bejn il-5.30pm u s-7.00pm u jibdew mill-15 ta' Ottubru 2012.

12.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa mis-Sindku.

**13.1. Agia Napa Festival 2011 (K/1/5/4)**

13.2. Is-Sindku rrefera għaż-żjara li seħħet f'Agia Napa bejn it-28 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 2012 fuq stedina tal-istess muniċipalita`. Huwa fakkar li kien akkumpanjat mill-Kunsillier J. Buttigieg u C. Bartolo u s-Segretarju C. Debono. Is-Sur R. Cutajar qal li ttieħdet l-opportunita` sabiex artisti Melleħin John Vic Borg, Izmeria Bartolo, u Carmen Sammut ipparteċipaw fil-festival bix-xogħlijiet tagħhom, liema xogħlijiet ġew ippreżentati lis-Sindku ta' Agia Napa, Antonis Tsokkos fl-aħħar serata tal-festival.

13.3. Il-Kunsillieri J. Buttigieg u C. Bartolo kkummentaw li l-grupp kien milqugħ tajjeb ħafna mis-Sindku Antonis Tsokkos u b'mod partikulari s-Sinjura Maria Toffini li hija l-uffiċjal inkarigata mill-kultura fil-Muniċipalita ta' Agia Napa.

13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1. PA 5985/09 - Kamra tan-nar f'Qasam Barrani (P/5/8/Q)**

14.2. Il-Sindku rrefera għad-deċiżjoni meħuda mill-MEPA fir-rigward tal-applikazzjoni imsemmija, liema deċiżjoni ġiet appellata mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar, permezz ta' talba 419/11 ippreżentatata fit-2 ta' Ġunju 2011. Huwa qal li fil-5 ta' Ottubru 2012 attenda għal spezzjoni li saret fuq il-post mill-membri tat-Tribunal tar-Revizjoni.

14.3. Il-Kunsill innota l-izvilupp imsemmi.

**15.1. Rikostruzzjoni ta' Triq il-Pont u Triq Ta' Fuq il-Widien (T/4/7/Vol II)**

15.2. Is-Sindku għarraf li x-xogħlijiet illi ġew iffinanzjati minn Transport Malta fit-toroq imsemmija tlestew. Għalkemm l-istess awtorita` assenjat ukoll ix-xogħol li meħtieġ isir fi Triq il-Qortin, il-kuntrattur konċernat ma aċċettax ir-rati ffissati. Għaldaqstant, ser ikollha ssir sejħa ġdida minn Transport Malta biex isir dan ix-xogħol.

15.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

**16.1. Titjib tal-faċilitajiet fis-Sala tal-Komunita` (S/3/7/Vol III)**

16.2. Is-Sindku rrefera għall-vot 3380 tas-Servizzi Komunitarji fl-Estimi 2012, li parti minnu hija ntiża għal xogħol ta' titjib fis-sala tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa kkuntattja l-Kap tal-istess skola – Ms Mary Rose Mercieca – illi min-naħa tagħha taqbel li l-Kunsill jista' jikkontribwixxi għall-bdil tat-*toilets* fuq in-naħa tal-palk, li jinkludi

bdil ta' madum, *fittings* u x-xogħol meħtieġ. Minn stimi li nkisbu, dan jinvolvi spiża totali għal €3,119.

16.3. Il-Kunsill approva din in-nefqa u talab li jinħarġu l-*purchase orders* relattivi.

## 17.1. Progress tax-xogħol fuq il-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol V)

17.2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur fdat bir-*rubberized floor* tal-korsa – 240 Ltd - qed jitlob li jingħata ħlas addizzjonali peress li qed jieħu ħxuna ta' lastiku aktar milli hemm fil-kuntratt relattiv. Dan minħabba li l-konkos illi qed jiġi applikat fuqu ma kienx livellat tajjeb mill-kuntattur imqabbad mid-Diviżjoni tax-Xoghlijiet. Biex jiġi verifikat dan, ittieħdu *spot levels* minn *surveyor*. Is-Sur R. Cutajar qal li l-posizzjoni meħuda minn 240 Ltd ma hijiex aċċettabbli, għaliex meta ndunaw bid-difetti fil-livelli tal-konkos kellhom jieqfu u jinformaw lill-Kunsill fi stadju bikri tax-xogħol. Hekk kien ikun possibbli li l-problema tiġi trattata mal-kuntrattur li kien responsabbli tal-konkos. Huwa qal li l-kuntatti dwar dan għadhom għaddejjin bil-għan li tinstab soluzzjoni.

17.3. Il-Kunsill qabel mal-posizzjoni addottata mis-Sindku.

17.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li t-timijiet tal-basketball u tan-netball ikkwalifikaw għal għotja ta' €20,000 bejniethom mill-Fond għal Kawżi Ġusti amministrat mill-Ministeri tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment. Dawn ser jiġu wtilizzati biex jinxtraw l-attrezzi meħtieġa ħalli jiġi pprattikat dan l-isports fil-Park tal-Familja.

17.5. Is-Sur R. Cutajar kompla billi ppropona li l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett issir mill-Prim Ministru l-Onor. Lawrence Gonzi bħala parti minn attivitajiet mifruxa fuq tliet ijiem.

17.6. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 17.5 aktar 'il fuq.

## 18.1. Proġett ta' *Landscaping* fi Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida (K/6/4/1)

18.2. Is-Sindku ppropona li ssir attivita` flimkien mat-tfal tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa, fejn l-istess tfal iħawwlu numru ta' siġar fil-ġnien tal-iskola. Huwa qal ukoll li l-amministrazzjoni tal-Iskola Primarja qed tikkonsidra mill-ġdid li tibdel l-entratura għat-tfal tal-Kindergarten minn Triq il-Mitħna l-Ġdida għal parkeġġ li jgħaqqad l-istess triq ma' Triq Qasam Barrani. Filwaqt illi huwa propost li jintuża l-istess bieb fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, it-tfal ikunu jistgħu jidħlu mill-parti fejn hemm it-triq magħluqa (il-parkeġġ eżistenti) u jimxu fil-ġnien minn passaġġ li jsir apposta.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li qabel mal-proposta dwar l-attivita` msemmija.

## 19.1. Kolliżjonijiet fi Triq il-Vitorja k/m Triq il-Mitħna l-Qadima (T/3/2/Vol X)

19.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ġibed l-attenzjoni minħabba ż-żieda fit-traffiku fi Triq il-Vitorja, spiss qed ikun hemm kolliżjonijiet, billi x-xufiera jkollhom joħorġu l-parti ta' quddiem tal-vetturi fil-karreġġjata ta' Triq il-Mitħna l-Qadima sabiex jaraw it-traffiku li jkun ġej miż-żewġ direzzjonijiet tagħha.

19.3. Minkejja li ġie rakkomandat li jsiru *roundels* tal-35Km fi Triq il-Mitħna l-Qadima, id-dikussjoni baqgħet ma' ġietx konkluża u għalhekk kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa fuq il-post bejn il-Viċi Sindku E. Bartolo u l-*Contracts Manager*.

## 20.1. Kjoskijiet u *stands* fil-Festa tas-Santwarju (F/2/Vol VII)

20.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo aċċenna għall-fatt li fil-festa msemmija nhar il-Ħadd 30 ta' Settembru 2012, kien hemm kjoskijiet u *stands* tal-ikel li ma kinux armati skont kif kien miftiehem magħhom. Kien hemm ukoll *stand* tal-ikel li ntrama' f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa, minkejja li l-bejjiegħa tal-qubbajt biss kellhom ikunu hemm. Is-Sur E. Bartolo kompla jgħid li meta huwa avviċinahom biex jara l-permess, kellhom pjanti annessi li kienu juru xort'oħra.

20.3. Is-Segretarju qal illi l-pjanti li ġew mehmuża mal-permessi kienu jirriflettu l-ftehim li kien ġew miftiehma wara laqgħa li saret apposta għalihom fit-3 ta' Mejju 2012. Skont l-istess ftehim, il-kjoskijiet u l-i*stands* tal-ikel, li m'humiex tal-qubbajt kellhom jispiċċaw minn Misraħ iż-Żjara tal-Papa u jarmaw minflok fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq San Publiju u l-Mellieħa Garage. Il-ftehim jipprovdi li, minn qabel kien l-eqreb lejn is-Santwarju, kellu

jarma bl-istess order fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Is-Sur C. Debono qal ukoll li ser jara l-pjanti li nħarġu mal-permessi.

## AĠĠORNAMENT

Is-Seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet aġġornata għal nhar t-Tlieta 30 ta' Ottubru 2012 fis-7.00pm

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |